# Frak ta' Storja (1882- 1918) fil-Knisja u l-Kunvent

A.D. 1923

minn Winston L Zammit
*BA Hons, PGCE, MA*

**1882**

F'din is-sena Pietru Pawl Balzan, ġabar somma ta' flus mingħand numru kbir ta' individwi biex jinxtara l-madum biex tinkesa l-art tal-knisja. B'kollox ġabar is-somma ta' 524 skud 7 tari 16-il grani. Minn din is-somma 520 skud u 3 tari intużaw biex inxtraw 458 maduma u l-bilanċ li fadal 4 skudi 4 tari 16-il grani, ingħataw fis-16 ta' Novembru 1882 lill-Kustodju Provinċjali Patri Anton Cesal OFM. Fost dawk li kkontribwew flus għal dan il-proġett insibu lil Dun Pawl Vella DD li ta s-somma ta' 2 skudi u 6 tari, il-"Casino della Sliema" li ta 7 skudi u 6 tari u n-negozjant Lorenzo Camenzuli li ta 3 skudi.[1]

**1892**

Fit-13 ta' Marzu ġiet iċċelebrata b'pompa akbar minn tas-soltu l-festa tal-Via Sagra, li rnexxiet sforz l-impenn tal-P Gwardjan Beneditt li kien jimpenja ruħu biex iġib il-knisja 'l quddiem. Il-prietka saret minn P Serafin u għal din l-okkażjoni Maestro Luigi Vella kiteb xi responsorji.[2]

**1893**

F'Novembru 1893, il-Fraternità OFM, residenti fil-kunvent ta' Tas-Sliema, kienet magħmulha hekk – Patri Pellegrin Gwardjan, Patri Luigi Lettur fit-Teoloġija, Patri Piju Vigarju, Patri Filippo Surmast tal-Kjerici, Fra Ugolino, Fra Guido, Fra Ġużepp Fratell Lajk Ġużeppi u Terzjarju Fra Karm. Il-presenza ta' Lettur, Surmast tal-Kjerici u numru ta' Kjeriċi (3) hija indikazzjoni li l-kunvent ta' Tas-Sliema, kien qed jintuża bħala Kulleġġ ta' formazzjoni għall-istudenti.[3]

**1895 – L-Għid tal-Milied (25-XII-1895)**

Il-prietka tal-Milied fil-knisja Parrokkjali ta' Stella Maris u dik tal-Madonna tas-Sacro Cuor saret minn Napuljun Cassar ta' 11-il sena, iben Salvu Cassar.[4]

**1898**

F'din is-sena l-knisja żżejnet b'artal tal-irħam li tqiegħed quddiem ix-xbieha tas-Santissimu Kurċifiss. Dan l-artal tal-irħam inħadem minn Vincenzo Testa minn B'kara. Għal dan ix-xogħol Testa tħallas is-somma ta' £41 li tħallsu fi tliet pagamenti - £12 fit-8 ta' Lulju 1898, £12 fil-5 ta' Awwissu 1898 u £16 fit-28 ta' Settembru 1898. Il-ħlasijiet lil Vincenzo Tanti, saru mill-Professur Avukat Benedetto Ullo Xuereb, fil-kariga tiegħu ta' Sindku Apostoliku tal-Kunvent ta' Tas-Sliema.[5]

**1903 - Awwissu**

Fl-20 ta' Lulju 1903, miet il-Papa Ljun XIII (1878-1903). Fil-konklav li sar wara, nhar l-4 ta' Awwissu 1903, ġie elett Papa, il-Kardinal Guzeppi Sarto, Patrijarka ta' Venezja. Nhar id-9 ta' Awwissu, fil-knejjes kollha ta' Malta tkanta t-*Te Deum* b'ringrazzjament għall-elezzjoni tal-Papa l-ġdid li ħa l-isem ta' Piju X. Gazzetta lokali tgħidilna li fil-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema. Il-kant tat-Te Deum ġie akkumpanjat "con sparo di mortaletti in segno di vera goia".[6]

**1906 – Ġimgħa Mqaddsa**

Fil-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema l-mużika kienet f'idejn is-Surmast Alberto Vella u kienet tikkonforma man-normi tar-riforma tal-Mużika Sagra speċifikata mill-Papa.[7]

**1906 – Awwissu**

Fil-kunvent tal-Fraternità ta' Tas-Sliema kien wasal fi tmiem ħajtu Mons Pio Vidi OFM li għal madwar 34 sena, qabel irtira f'Malta fl-1906, kien Missjunarju fiċ-Ċina. Gazzetta lokali tagħtina dan it-tagħrif dwar l-aħħar siegħat tiegħu fil-ħarġa tas-27 ta' Awwissu 1906.

*"H.E. Mgr Pio Vidi is lying in a dying condition in the convent of the Order dedicated to the Sacred Heart in Sliema. The Very Rev Fr Superior S M Xerri and the fathers of the Order are in attendance upon H.E. by day and night as they have been throughout his protracted illness, the approaching end of which is announced at intervals by the solemn tolling of the church bell. The scene at the death bed where candles were alight last evening and the Sacred Office proceeding is deeply impressive."*




*Il-Bust ta' Dun Pawl Vella fil-Parroċċa tagħna*



*Mro Alberto Vella*



*Patri Anton Cesal*

Fil-fatt Mons Pio Vidi OFM miet fil-kunvent ta' Tas-Sliema fit-28 ta' Awwissu 1906 fil-5:45am. Dakinhar stess fis-7:00pm il-katavru tiegħu ttieħed fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Belt Valletta fejn fit-30 ta' Awwissu 1906, sar il-funeral. Huwa jinsab midfun fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat Malta.[8]

## 1907-1917 – Il-Legat Rosario Sultana

Bejn l-1907 u l-1917 il-kunvent kien jamministra l-Legat Rosario Sultana, li l-iskop tiegħu kien li jitqassam il-ħobż. Dan il-legat kien ta' għajnuna kbira lin-nies foqra, meta f'pajjiżna ma kienx hawn servizz soċjali. Biex iqassmu l-ħobż, il-patrijiet kienu jistampaw il-biljett.

Bejn l-1907 u l-1909 C Barbara ħallas is-somma ta' £14 5s 9d għall-ħobż li tqassam permezz ta' dan il-legat. Fis-snin ta' wara nsibu li sar dan it-tqassim.

| Sena | Kwantità ta' Ħobż imqassam | Ħlas | Lil min sar il-Ħlas |
|---|---|---|---|
| 1912 | 652 Ratal | £7 6s 8d | Vincenzo Barbara |
| 1914 | 710 Ratal | £8 10s 5d | Vincenzo Barbara |
| 1915 | 603 Ratal | £10 1s 0d | Vincenzo Barbara |
| 1917 | 613 Ratal | £13 15s 7d | Carmelo Barbara |

Wieħed jinnota li fl-1915, b'kuntrast mal-1914 tqassmu 97 Ratal inqas minkejja l-fatt li l-ammont kien inqas mill-1914, il-kont kien akbar. Dan kien dovut għall-fatt li kien żmien il-Gwerra (1914-1918), il-prezz tal-ħobż kien għola. L-istess fattur jispjega d-differenza bejn dak li tqassam fl-1915 u l-1917, u l-prezz.[9]

## 1914 – Il-Milied 25-XII-1914

F'dan il-jum Patri Diegu Galdes OFM iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor.[10]

## 1915 – Żmien l-Ewwel Gwerra

Billi kienu se jinġiebu il-feruti f'Malta mid-Dardanelli, il-Gvernatur Lord Paul Metheun għamel appell, biex jiġu milqugħa f'istituzzjonijiet il-konvalexxenti. F'din l-okkażjoni l-Patri Provinċja u l-Patrijiet Franġiskani qegħdu għad-disposizzjoni tal-konvalexxenti tmien kmamar fil-kunvent ta' Tas-Sliema.[11]

## 1918 – Id-Dawl Elettriku

F'din is-sena l-Fraternità ta' Tas-Sliema ħadet ħsieb iddaħħal id-dawl elettriku fil-knisja u l-kunvent. Ix-xogħol sar minn E Darmanin u Emmanuele Grech bi ħlas ta' £110. Il-ħlas sar permezz ta' żewġ pagamenti. Fit-28 ta' Mejju 1918 sar ħlas ta' £30.0.0 u fil-11 ta' Lulju 1918 sar ħlas ta' £80.0.0.[12]

**Referenzi**

1 Tagħrif miġbur mill-A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta) fil-pussess tal-Awtur.
2 Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese, 16-III-1892.
3 L'Ordine, 28-XI-1893 p 2.
4 Malta 26-XII-1895 p 3
5 A.P.P.M.V Esito del Ven Convento di N. S. Del Sacro Cuore di Ġesù della Sliema 1887-1924 p 5 u A(rkivju) N(otarili) V(alletta), Atti Alfredo Carbone 28-IX-1898.
6 Il Risorgimento 10-VIII-1903.
7 Malta e Sue Dipendenze 10-IV-1906.
8 The D(aily) M(alta C(hronicle) 27-VIII-1906, 28-VIII-1906, 29-VIII-1906 u 31-VIII-1906
9 A.P.P.M.V. Esito del Ven Convento op. Cit. Ara taħt Esito 11-II-1910, 1-IV-1910, 6-III-1912, 16-IV-1912, 7-VII-1914, 21-VII-1914, 28-V-1915, 8-VI-1915, 3-VII-1917 u 12-VII-1917.
10 Tagħrif meħud mis-santa li tqassmet f'din l-okkażjoni, fil-pussess tal-awtur.
11 Malta 12-IV-1915 p2.
12 A.P.P.M.V. Esito del Ven Convento op cit., ara taht Esito 28-V-1918 u 11-VII-1918.